



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2014
COM(2014) 367 final

2014/0185 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-
amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA²)**

L-interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1 Kuntest Politiku

Is-settur pubbliku għandu rwol ewlieni fl-ekonomija bħala regolatur, fornitur tas-servizzi u impjegatur. Jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-impjiegi totali u proporzjon sinifikanti tal-attività ekonomika fl-Istati Membri tal-UE. Settur pubbliku effiċjenti u produttiv jista' jkun motivatur qawwi għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-appoġġ u l-governanza tiegħu tas-settur privat. Fi żmien meta l-gvernijiet qed jiffaċċjaw l-isfida li jiżguraw konsolidament fiskali filwaqt li jħeġġu t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi, hemm ġustifikazzjoni qawwija għal titjib fl-effiċjenza, governanza aħjar, twettiq aktar malajr u aktar involviment tal-utenti fis-settur pubbliku¹.

Snin ta' xogħol fuq temi bħal pereżempju l-interoperabbiltà, il-gvern elettroniku, dejta miftuħa, il-cloud computing u l-innovazzjoni soċjali ffaċilitaw serje ta' kunċetti u għodod maturi. In-novità ewlenija hija l-kapaċità ta' dejta miftuħa, għodod parteċipattivi u pjattaformi interoperabbli biex ikun hemm veloċità, effiċjenza u kwalità bla preċedenti fil-ħolqien u t-twettiq tal-oġġetti u s-servizzi pubbliċi. Il-potenzjal li gvernijiet miftuħa interkonnessi u kooperattivi jiġbru kontribuzzjonijiet flimkien minn setturi varji b'mod interoperabbli u sikur issa huwa għoli, u t-twettiq ta' din l-ambizzjoni se jkun elementi kruċjali għat-twaqqif b'suċċess tas-suq uniku diġitali.

Kif imsemmi fl-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir tal-2013 tagħha², il-Kummissjoni tqis li l-interoperabbiltà transfruntiera tas-servizzi onlajn u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej huma kontributori importanti għat-tkabbir u aktar effiċjenza. L-interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet hija element ewlieni li jista' jippermetti t-twettiq aktar effiċjenti u effettiv tas-servizzi diġitali, filwaqt li l-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti jistgħu jnaqqsu l-multiplikazzjoni tal-kostijiet. Dawn huma fatturi ta' produttività importanti li jistgħu jtejbu u jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali³.

Bħala reazzjoni għall-kriżi ekonomika attwali, il-Kummissjoni adottat inizjattiva importanti oħra, l-Istrateġija Ewropa 2020⁴, sabiex l-UE tinbidel fekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva, b'livelli għoljin ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Ċerti sfidi ewlenin indirizzati mill-Istrateġija jirrigwardaw direttament il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Kif enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (Digital Aġenda for Europe - DAE)⁵, programm emblematiku tal-Ewropa 2020, l-interoperabbiltà hija essenzjali għall-massimizzazzjoni tal-potenzjal soċjali u ekonomiku tal-ICT u, konsegwentement, id-DAE tista' tibda biss jekk tiġi żgurata l-interoperabbiltà. Il-pilastru tal-"interoperabbiltà u l-istandards" tad-DAE jorbot mal-prijoritajiet politiċi taħt inizjattivi rilevanti oħrajn bħal pereżempju l-Istrateġija Ewropea dwar l-Interoperabbiltà

¹ http://ec.europa.eu/enterprise/policies/innovation/policy/public-sector-innovation/index_en.htm.

² L-isħarriġ annwali dwar it-tkabbir 2013 tal-Kummissjoni, COM(2012) 750 finali, 28.11.2012.

³ Analiżi tal-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar l-Interoperabbiltà tal-2012, rapport dwar il-fatturi politiċi, soċjoekonomiċi u ġuridiċi.

⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni EWROPA 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010.

⁵ Aġenda Diġitali għall-Ewropa, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2010) 245 finali, 28.8.2010.

(European Interoperability Strategy - EIS), il-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà (European Interoperability Framework - EIF)⁶ u l-Istrateġija tal-Kummissjoni elettronika tal-2012-15⁷.

Fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom enfażizza li l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandha titkompla, bl-implimentazzjoni rapida tas-servizzi, bħal pereżempju l-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku li jiddependu fuq l-interoperabbiltà. Dan se jwassal għal aktar servizzi diġitali u servizzi diġitali aħjar għaċ-ċittadini u l-intrapriżi fl-Ewropa kollha, tfaddil fil-kostijiet u aktar effiċjenza, aktar trasparenza u kwalità tas-servizzi aħjar fis-settur pubbliku.

Il-programmi tal-interoperabbiltà għamlu ħafna progress mill-introduzzjoni tagħhom fl-1995. Il-Kummissjoni wriet id-dedikazzjoni tagħha għas-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà fuq perjodu twil ħafna. Illum huwa essenzjali li jkun hemm impenn kbir minn kull naħa biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jbiddu u jimmodernizzaw is-servizzi fl-Ewropa kollha. F'dan il-kuntest, l-interoperabbiltà, bħala fattur determinanti, wittiet it-triq għall-kisba tal-"interazzjoni transkonfinali u transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn [...] l-amministrazzjonijiet, li tippermetti t-twassil ta' servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet Komunitarji", kif mitlub fid-Deċiżjoni dwar il-programm preċedenti (id-Deċiżjoni ISA, l-Artikolu 1(2)⁸).

Għalhekk, billi tirreaġixxi għall-bżonnijiet reali, il-proposta attwali għat-tkomplija tal-programm tal-Kummissjoni dwar l-interoperabbiltà se tagħmel kontribut siewi lill-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

Il-proposta torbot ma' inizjattivi oħrajn li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, bħal pereżempju d-DAE, l-Orizzont 2020⁹, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Connecting Europe Facility - CEF)¹⁰ u netwerks bħal pereżempju n-Network Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (European Public Administration Network - EUPAN), il-Fondi tal-Investment u l-Fondi Strutturali Ewropej (fl-aħħar żewġ każijiet billi jiżguraw li l-proġetti ffinanzjati jkunu allinjati mal-oqfsa u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà fl-UE kollha). F'rapport reċenti dwar it-tisħiħ tal-innovazzjoni tas-settur pubbliku Ewropew¹¹, l-interoperabbiltà u x-xogħol fil-programm preċedenti huma msemmija bħala fatturi li jwasslu għall-innovazzjoni diġitali u li jegħlbu l-ostakoli għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku.

⁶ *Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej*, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2010) 744 finali, 16.12.2010. .

⁷ Kummissjoni elettronika 2012-15: It-twetiq ta' servizzi diġitali utentċentriċi, Komunikazzjoni minn VP Šefčovič lill-Kummissjoni, SEC(2012) 492 finali, 1.8.2012.

⁸ Id-Deċiżjoni 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA), ĠU L 260, 3,10,2009, p. 20.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 1316/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

¹¹ Inħaddmu l-Innovazzjoni Ewropea fis-Settur Pubbliku: Lejn Arkitettura Ġdida (Powering European Public Sector Innovation: Towards A New Architecture). Rapport tal-Grupp Espert fuq l-Innovazzjoni fis-Settur Privat. EUR 13825 EN, 2013

Dan il-programm ġdid għalhekk għandu jkun punt ċentrali ta' referenza u strument li jippermetti l-modernizzazzjoni bbażata fuq l-ICT tas-settur pubbliku fl-Ewropa, u, konsegwentement, kontribut imprezzabbli għall-kisba tas-suq uniku diġitali.

1.2 L-importanza tal-interoperabbiltà

Fl-Ewropa tal-lum, iċ-ċittadini huma liberi li jaħdmu u jgħixu f'pajjiż ieħor u n-negozji huma liberi li jagħmlu kummerċ u joperaw fl-Unjoni kollha. Meta jagħmlu dan, ta' spiss ikollhom jinteraġixxu b'mod elettroniku mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Sabiex tiġi ffaċilitata din l-interazzjoni, l-Istati Membri qed jimmodernizzaw gradwalment l-amministrazzjonijiet tagħhom billi jtejbu l-proċessi tan-negozju u l-infrastrutturi tal-ICT, u b'hekk inaqqsu l-piż u l-kostijiet amministrattivi tagħhom filwaqt li jżidu l-effiċjenza u l-effettività tas-servizzi li jipprovdu.

Madankollu, minħabba li dan iseħħ fil-livell nazzjonali u tonqos l-interoperabbiltà fil-livell Ewropew, din il-bidla ta' spiss iġġib ostakoli elettroniċi li ma jħallux liċ-ċittadini u lin-negozji jużaw is-servizzi pubbliċi b'mod effiċjenti u jimpedixxu l-funzjonament bla tfixkil tas-suq intern.

Fl-istess ħin, l-isfidi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Ewropa jeħtieġu aktar u aktar reazzjonijiet politiċi komuni u għalhekk jeħtieġu li l-Istati Membri jingħaqdu flimkien biex jimplimentawhom. L-applikazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' atti leġiżlattivi hija r-responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u teħtieġ interazzjoni bejn il-fruntieri u s-setturi permezz ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà tal-ICT, li issa huma parti integrali tal-parti l-kbira tal-atti leġiżlattivi u strument ewlieni għal din l-interazzjoni.

1.3 L-isfond

Il-Programm tal-1995-99 dwar l-Iskambju tad-Dejta bejn l-Amministrazzjonijiet (IDA)¹² kellu l-għan li jipromwovi l-iżvilupp u l-operat tan-netwerks telematiċi trans-Ewropej li permezz tagħhom l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jistgħu jiskambjaw id-dejta ma' xulxin u/jew mal-Istituzzjonijiet tal-UE.

Il-programm ta' segwitu, IDA II (1999-2004)^{13,14}, kellu l-għan li jrendi s-servizzi tal-Gvern elettroniku lin-negozji u liċ-ċittadini Ewropej aktar effiċjenti.

Il-Programm 2005-09 IDABC¹⁵ kien jimmira għat-twettiq interoperabbli tas-servizzi tal-Gvern elettroniku pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, lin-negozji u liċ-ċittadini.

Il-Programm 2010-15 ISA¹⁶ dwar is-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej kellu l-għan li jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-

¹² Council Decision 95/468/EC of 6 November 1995 on a Community contribution for telematic interchange of data between administrations in the Community (IDA). ĠU L 269, 11.11.1995, p. 23-25

¹³ Id-Deċiżjoni Nru 1719/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar serje ta' linji gwida, inkluża l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, għal netwerks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA). ĠU L 203, 3.8.1999, p. 1.

¹⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 li taddotta serje ta' azzjonijiet u miżuri biex tiżgura l-interoperabilità ta' u l-aċċess għan-netwerks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA). ĠU L 203, 3.8.1999, p. 9.

¹⁵ Id-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini (IDABC), ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25.

amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej billi jiffaċilita l-interazzjoni transfruntiera u transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva li tippermetti t-tweqqi tas-servizzi pubbliċi elettroniċi sabiex jgħin fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni.

L-attivitajiet fil-programmi ta' hawn fuq għamlu kontribut sinifikanti għall-iżgurar tal-interoperabbiltà fl-iskambju elettroniku ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Fir-*Riżoluzzjoni dwar Suq uniku diġitali kompetittiv - il-Gvern elettroniku bħala xprun* tiegħu (it-3 ta' April 2012), il-Parlament Ewropew irrikonoxxa l-kontribut u r-rwol kumplessiv tal-Programm ISA fid-definizzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet u l-oqfsa tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fil-ksib tas-sinerġiji, fil-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tal-infrastruttura, is-servizzi diġitali u s-soluzzjonijiet tas-software, u fil-bidla tar-rekwiżiti ta' interoperabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fi speċifikazzjonijiet u standards għas-servizzi diġitali. Il-Parlament talab ukoll żieda fl-allokkazzjonijiet finanzjarji għas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE għall-2014-20.

Minħabba li l-Programm ISA se jintemm fil-31 ta' Diċembru 2015, jeħtieġ programm tal-UE ġdid dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej sabiex:

- jitraċċa u janalizza l-pajsaġġ globali tal-interoperabbiltà fl-Ewropa u jevita l-frammentazzjoni tiegħu;
- jippermetti, jipromwovi u jappoġġa approċċ olistiku għall-ġbir, il-valutazzjoni, l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni, l-operat, it-titjib u ż-żamma tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, inklużi s-soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tad-dejta kif ukoll l-iskambju tagħha b'appoġġ għall-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u bejniethom u għall-intrapriżi u ċ-ċittadini; u
- jipromwovi u jappoġġa l-użu mill-ġdid, l-integrazzjoni u l-konverġenza ta' soluzzjonijiet eżistenti, inklużi dawk minn oqsma ta' politika tal-Unjoni oħrajn.

Il-programm il-ġdid se jikkontribwixxi għall-issodisfar tal-isfidi u għall-iżgurar tal-kontinwità filwaqt li jipprovdi forum għall-iskambju ta' ideat u esperjenza.

1.4 Inizjattivi relatati tal-UE u l-interoperabbiltà f'oqsma ta' politika oħrajn

Fil-kuntest aktar wiesa', l-azzjoni taħt il-Programm ISA preċedenti kienet ikkoordinata u allinjata b'mod kontinwu mal-ħidma kontinwa taħt il-Programm ta' Appoġġ tal-Politika tal-ICT (ICT Policy Support Programme - ICT PSP) tal-Programm Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (Competitiveness and Innovation Framework Programme - CIP) u/jew mal-istrateġija tal-ICT interna tal-Kummissjoni, u b'azzjoni fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tal-Gvern elettroniku tal-2011-15. Il-Programm ISA appoġġa lil dawn l-inizjattivi u lil inizjattivi simili kull meta kkontribwixxew għall-interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE.

L-ISA kien ukoll allinjat sew mal-Programm CEF, l-istrument ta' finanzjament tal-Unjoni għan-netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni. Is-CEF jappoġġa l-mobilizzazzjoni u l-operat ta' servizzi diġitali transfruntiera ewlenin. Il-programm propost jikkomplimenta lis-CEF billi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi li s-servizzi

¹⁶ Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA), ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.

jinġiebu flivell operattiv, kif meħtieġ, qabel ma jittieħdu fil-kontroll tas-CEF. Huwa wkoll wieħed mill-programmi determinanti u kontributori għall-innovazzjoni tas-settur pubbliku fl-Ewropa.

L-interoperabbiltà għamlet ukoll kontribut sinifikanti fil-qasam tal-cloud computing. Kif iddikjarat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa"¹⁷, l-interoperabbiltà għandha rwol importanti fl-appoġġ tal-"ħolqien ta' servizzi pubbliċi bbażati fuq standards, skalabbli, u konformi mal-ħtiġijiet ta' popolazzjoni mobbli u negozji li jridu jibbenefikaw mis-suq uniku diġitali Ewropew". Il-programm propost se jqis l-attivitajiet tal-Inizjattiva tal-Cloud Ewropew fir-rigward tal-interoperabbiltà.

L-interoperabbiltà hija fattur determinanti fit-tfassil tal-politiki tal-UE u għall-implimentazzjoni b'suċċess fil-livell settorjali. L-oqsma ta' politika li ġejjin, fost oħrajn, jiddependu fuq l-interoperabbiltà għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom:

- **Is-suq intern:** Id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern¹⁸ tirrikjedi li l-Istati Membri joffru lill-fornituri ta' servizzi l-possibbiltà li jimlew b'mod elettroniku u bejn il-fruntieri l-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa biex jipprovdu servizz barra mill-pajjiż tagħhom. Barra minn hekk, fil-qasam tad-dritt soċjetarju, id-Direttiva 2012/17/UE¹⁹ tirrikjedi l-interoperabbiltà tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji tal-Istati Membri permezz ta' pjattaforma ċentrali. L-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kumpaniji se tiżgura l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni bejn ir-reġistri u se tiffaċilita l-aċċess fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u n-negozji għad-dejta dwar il-kumpaniji, u b'hekk titjieb iċ-ċertezza tad-dritt tal-ambjent tan-negozju fl-Ewropa;
- **L-ambjent:** Id-Direttiva INSPIRE²⁰ tirrikjedi l-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni komuni li jistabbilixxu arranġamenti ta' interoperabbiltà teknika u li l-infrastrutturi nazzjonali jiġu adattati sabiex jiżguraw li d-dejta u s-servizzi spazjali jkunu interoperabbli u aċċessibbli bejn il-fruntieri tal-Unjoni;
- **L-Affarijiet Interni u l-Ġustizzja:** L-effettività tiddependi fuq interoperabbiltà u sinerġiji msaħħa fil-bażijiet ta' dejta Ewropej pereżempju permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II), is-Sistema Ewropea tad-Dattiloskopija (Eurodac) u l-portal tal-Ġustizzja elettronika;
- **Id-Dwana, it-Tassazzjoni u d-Dazji tas-Sisa:** b'aktar minn 20 sena ta' esperjenza fl-operat tas-sistemi tal-ICT trans-Ewropej li jilħqu l-Istati Membri kollha u jappoġġaw is-servizzi tan-negozju ffinanzjati mill-programmi Fiscalis 2013²¹ u Dwana 2013²²,

¹⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Regġuni "L-isfruttar tal-potenzjal tal-Cloud Computing fl-Ewropa". COM(2012) 529.

¹⁸ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

¹⁹ Id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji.

²⁰ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE). ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

²¹ Id-Deċiżjoni Nru 1482/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi programm Komunitarju sabiex itejjeb il-ħidma tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (Fiscalis 2013) u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE. ĠU L 330, 15/12/2007, p. 1-7.

implimentati u operati mill-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-interoperabbiltà rriżultat bħala fattur ta' suċċess ewlieni. L-assi maħluqa taħt il-programmi Fiscalis 2013 u Dwana 2013 huma disponibbli għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid minn oqsma ta' politika oħrajn fuq il-bażi "kif inhu";

- **Is-Saħħa:** Id-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali tipprevedi regoli biex jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa transfruntiera sikura u ta' kwalità għolja. Id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet espliċiti għall-kisba ta' interoperabbiltà usa' tas-sistemi nazzjonali tal-ICT għall-iskambju elettroniku tad-dejta dwar is-saħħa. Fil-farmaċewtiċi, in-netwerk Ewropew tat-Telematika huwa ġestit mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni. Huwa jagħti soluzzjonijiet prattiċi għas-simplifikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti mediċinali u netwerk ta' farmakoviġilanza Ewropea interoperabbli.
- **Is-Saħħa tal-Animali u s-Sikurezza tal-Ikel:** Ġew applikati soluzzjonijiet effettivi li jappoġġaw il-katina sħiħa tat-traċċabbiltà tal-animali u tal-prodotti tal-animali u twissijiet fl-10 snin li għaddew b'titjib konsistenti. L-atturi kollha fil-katina (min-negożju sal-amministrazzjonijiet) huma involuti fis-sistema TRACES. L-iskambji elettroniċi bejn l-atturi (inklużi l-pajjiżi terzi) huma bbażati fuq standards internazzjonali (UNCEFACT) u qed tiġi introdotta sistema ta' firem elettroniċi sabiex ikun jista' jsir proċessar elettroniku ta' kważi d-dokumenti ufficiali kollha.
- **Il-Fondi Ewropej:** L-iskambji kollha ta' informazzjoni b'rabta mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi intermedji jitwettqu permezz ta' sistemi għall-iskambju elettroniku tad-dejta²³, sabiex tiġi ffaċilitata l-interoperabbiltà mal-oqfsa nazzjonali u tal-UE u sabiex il-benefiċjarji jkunu jistgħu jressqu l-informazzjoni meħtieġa darba biss;
- **L-informazzjoni tas-settur pubbliku:** Id-Direttiva 2013/37/UE²⁴ tipprevedi li, meta jkun possibbli u xieraq, il-korpi tas-settur pubbliku jagħmlu d-dokumenti disponibbli f'formati miftuħa u li jinqraw elettronikament flimkien mal-metadejta tagħhom, fl-aqwa livell ta' preċiżjoni u granularità, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà;
- **L-identità elettronika:** Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-

²² Id-Deċiżjoni Nru 624/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2013). ĠU L 154, 14/06/2007, p. 25–31.

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320

²⁴ Id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.

suq intern²⁵ tenfasizza li l-UE teħtieġ qafas ta' abilitazzjoni biex jindirizza l-interoperabbiltà transfruntiera u jtejjeb il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sorveljanza nazzjonali għall-identifikazzjoni elettronika u l-awtentikazzjoni elettronika aċċettati fl-UE kollha;

- **L-Istandardizzazzjoni tal-ICT:** Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea²⁶ jirreferi għall-interoperabbiltà bħala eżitu essenzjali tal-istandardizzazzjoni u jiddikjara li, sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fis-suq uniku u titjeb il-libertà tal-għażla għall-utenti tal-UE fil-qasam tal-ICT, huwa xieraq li jithegġegħ l-użu tal-ispeċifikazzjonijiet teknikċi rilevanti jew tiġi rikjesta l-konformità magħhom fil-livell tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, dan il-programm għandu jippromwovi u, fejn xieraq, jappoġġa l-istandardizzazzjoni parzjali jew sħiħa tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti.
- **Il-Produzzjoni tal-Istatistika Ewropea:** Fir-Regolament (KE) Nru 223/2009²⁷ dwar l-Istatistika Ewropea li jistabbilixxi l-bażi tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika (European Statistical System - ESS) u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni 404 (2009) sussegwenti²⁸ dwar "il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE : viżjoni għad-deċennju li ġej", l-interoperabbiltà hija fattur determinanti ewlieni għall-kisba ta' żieda fl-effiċjenza, it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u t-titjib tal-kwalità tal-istatistika tal-UE għaċ-ċittadini, l-intrapriżi u dawk li jfasslu l-politika fl-UE.
- **Fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku,** id-Direttivi 2014/25/UE, 2014/24/UE u 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2014 jirrikjedu li l-Istati Membri jimplimentaw l-akkwist elettroniku. Huma jiddikjaraw li l-għodod u l-apparat li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi teknikċi tagħhom, iridu jkunu interoperabbli mal-prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fużi ġenerali. Id-Direttiva 2014/55/UE²⁹ dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku adottata mill-Parlament fil-11 ta' Marzu 2014 tikkonċerna l-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-fatturar elettroniku fl-UE kollha.

Madankollu, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-inizjattivi settorjali kollha ta' hawn fuq, l-interoperabbiltà transsettorjali trid titqies u titpoġġa fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-programm.

²⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern, COM(2012) 238 finali, 4.6.2012,

²⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

²⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' dejta suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej. ĠU L 87, 31.3.2009, p. 64-173

²⁸ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-metodu ta' produzzjoni tal-istatistika tal-UE: viżjoni għad-deċennju li ġej. COM(2009) 404 finali, 10.8.2009

²⁹ Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku. ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1-11

1.5 Raġunijiet għall-proposta

Sabiex ikun hemm interazzjoni effiċjenti u effettiva maċ-ċittadini u n-negozji, l-Istati Membri għandhom jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet tagħhom u jipprovdu servizzi diġitali interoperabbli fil-livell nazzjonali u Ewropew.

Il-problemi ffaċċjati mill-amministrazzjonijiet pubbliċi għadhom jinkludu kumplessità organizzattiva interna, nuqqas ta' oqfsa, arkitetturi tal-ICT u għodod li jippermettu l-interoperabbiltà, frammentazzjoni kulturali u nuqqas ta' kooperazzjoni fost l-entitajiet istituzzjonali mxerrda.

Mill-evalwazzjoni interim tal-2012 tal-Programm ISA nstab li kien rilevanti³⁰ biex jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri, fuq il-bażi li dawk indirizzati minn programmi tal-Kummissjoni fl-imġhoddi u dawk attwali, jiġifieri IDA, IDABC u ISA, għadhom japplikaw għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

Dan il-programm għalhekk huwa meħtieġ sabiex:

- jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri u l-Kummissjoni;
- jitraċċa u janalizza l-pajsaġġ globali tal-interoperabbiltà fl-Ewropa;
- jippermetti, jipromwovi u jappoġġa approċċ olistiku għall-ġbir, il-valutazzjoni, l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni, l-operat, it-titjib u ż-żamma tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, inklużi s-soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tad-dejta kif ukoll l-iskambju tagħha b'appoġġ għall-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej; u
- fl-istess ħin, jipromwovi u jappoġġa l-użu mill-ġdid, l-integrazzjoni u l-konverġenza ta' soluzzjonijiet eżistenti inklużi dawk minn oqsma ta' politika tal-UE oħrajn.

Fattur ewlieni fis-suċċess ta' kull interoperabbiltà, speċjalment fil-qasam tal-ICT, huwa li tiġi indirizzata fil-livell ġuridiku t-tajjeb għal effett massimu. Għandu jiġi żgurat li l-impatt tal-ICT tal-leġiżlazzjoni proposta jiġi vvalutat u mkejjejjel fi stadju bikri fil-proċess leġiżlattiv u li l-ħtiġijiet tal-ICT jiġu identifikati fil-ħin, u b'hekk tiġi permessa l-implimentazzjoni bla xkiel tal-leġiżlazzjoni meta tidħol fis-seħħ.

Dan il-programm se jappoġġa u jipromwovi l-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-ICT tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni proposta jew adottata u l-ippjanar għall-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tat-tali leġiżlazzjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1 Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

L-opinjoni tal-partijiet interessati dwar il-ġejjieni tal-Programm ISA (din il-proposta) inġabru bejn Marzu 2013 u Jannar 2014 f'ħames sessjonijiet ta' konsultazzjonijiet formali mal-Istati Membri. Tnax-il DG tal-Kummissjoni³¹ ġew ikkonsultati wkoll u l-kummenti tagħhom tqiesu fil-proposta.

³⁰ Evalwazzjoni interim tal-programm ISA, Kurt Salmon, 31.10.2012.

³¹ SG, COMP, MARE, JRC, PO, DGT, EMPL, REGIO, HOME, JUST, ENTR, CNECT.

Il-Kummissjoni ppreżentat is-"sitwazzjoni attwali" tat-tnejn tal-bażi ġuridika għall-Programm ISA l-ġdid lill-Istati Membri f'żewġ laqgħat uffiċjali tal-Kumitat ISA u tliet laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni ISA. Dan il-proċess iterattiv ippermettietha tiggbor ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-leġiżlazzjoni proposta.

Il-Kummissjoni l-ewwel għarrfet lill-Istati Membri bl-intenzjoni tagħha li tintroduċi deċiżjoni ġuridika ġdida għall-Programm ISA suċċessur f'Marzu 2013. Hija ppreżentat abbozz tal-leġiżlazzjoni f'laqgħa tal-Grupp ta' Koordinazzjoni ISA f'Ottubru 2013 u talbet lill-Istati Membri biex jipprovdu r-reazzjonijiet tagħhom.

Ir-reazzjonijiet li waslu minn 16-il Stat Membru³² f'Novembru 2013 indikaw li:

- il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiffoka fuq l-evitar tal-irduppjar tal-isforzi u l-koordinazzjoni ma' programmi oħrajn tal-UE (imsemmi minn 10 Stati Membri);
- il-monitoraġġ tar-riżultati għandu jtkompla u jinkludi l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tal-programm (imsemmi minn seba' Stati Membri);
- il-Programm ISA l-ġdid għandu jikkontribwixxi għall-interoperabbiltà fil-perspettiva kollha billi juża mudell/għodda tal-arkitettura bħal pereżempju l-Kartografija Ewropea tal-Interoperabbiltà (imsemmi minn sitt Stati Membri); u
- il-Programm għandu jitmexxa permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet (imsemmi minn sitt Stati Membri).

Kummenti oħrajn inqas importanti kienu li:

- hemm ħtieġa li jiġu involuti gruppi ta' partijiet interessati differenti fir-rieżami tal-leġiżlazzjoni (pereżempju ċ-ċittadini, in-negozji, l-akkademja) u li jiġi żgurat li tindirizza s-sitwazzjoni tagħhom;
- il-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tenfasizza l-importanza tal-użu mill-ġdid tad-dejta, is-servizzi u s-soluzzjonijiet;
- ir-referenzi speċifiċi fil-leġiżlazzjoni għandhom iħeġġu s-simplifikazzjoni tal-proċessi fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi; u
- il-programm il-ġdid għandu jkollu r-rwol ta' faċilitatur/inkubatur għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-istituzzjonijiet sabiex jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet ma jġugx biss stabbiliti iżda jkunu wkoll sostenibbli, mingħajr ma l-isforzi jiġu rduppjati.

L-aktar reazzjoni reċenti mill-Istati Membri nġabret fil-laqgħa tas-16 ta' Jannar 2014 tal-Kumitat ISA, meta ġie ppreżentat u sar qbil fuq il-pjan taż-żmien għall-adozzjoni tal-programm il-ġdid. Qablu li, għalkemm il-leġiżlazzjoni għandha tiġi estiża għaċ-ċittadini u n-negozji, l-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jibqgħu l-punt fokali sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà minn tarf sa tarf.

2.2 Valutazzjoni tal-impatt

Il-valutazzjoni tal-impatt għal dan il-programm kienet ibbażata fuq metaevalwazzjoni mill-evalwazzjonijiet tal-programm preċedenti (evalwazzjoni interim tal-2012 għall-Programm ISA u r-rieżami tal-implimentazzjoni tal-EIS) u fuq ir-reazzjonijiet tal-Istati Membri.

L-evalwazzjoni interim tal-ISA fil-biċċa l-kbira pożittiva kkonkludiet li l-Programm ISA kien allinjat mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u kien

³² L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

implimentat b'mod effiċjenti u koerenti, b'riżultati li ntużaw mill-ġdid mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri. Madankollu, hija identifikat ukoll xi nuqqasijiet u għamlet rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fir-rigward ta':

- il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni;
- l-involviment tal-partijiet interessati u l-kontinwità tal-ġestjoni; u
- l-evitar tat-trikkib u l-irduppar tax-xogħol, iż-żieda tal-użu mill-ġdid u l-iżgurar tas-sostenibbiltà.

Barra minn hekk, l-evalwaturi qiesu li erba' mill-ħdax-il rakkomandazzjoni mill-aħħar evalwazzjoni tal-programm preċedenti (IDABC) kienu għadhom japplikaw għall-Programm ISA.

Dan il-programm iqis ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport interim u jindirizza n-nuqqasijiet b'attivitajiet speċifiċi, filwaqt li jimmira li jikkonsolida, jippromwovi u jespandi l-attivitajiet eżistenti tal-Programm ISA. B'mod partikolari, il-programm il-ġdid se jgħin biex jiġu identifikati, jinħolqu u jiġu operati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, li mbagħad jiġu pprovduti għal użu illimitat lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni, u lil amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali bejniethom. Il-programm se jiżviluppa wkoll soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà b'mod awtonomu jew jikkumplementa u jappoġġa inizjattivi oħra tal-Unjoni billi jittestja soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà bħala "inkubatur tas-soluzzjonijiet" jew jiżgura s-sostenibbiltà tagħhom bħala "pont għas-soluzzjonijiet".

B'hekk, il-programm se jgħin fit-tnaqqis tal-kost u l-piż amministrattiv tal-interazzjoni transfruntiera għal dawk kollha kkonċernati, itejjeb aktar is-suq intern u l-moviment liberu fl-UE mingħajr ostakoli elettroniċi amministrattivi, u jikkontribwixxi għall-impjantazzjoni rapida tas-sistemi ICT li jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Jekk dan il-programm ma jiġix adottat, jonqos l-appoġġ għall-interazzjoni effettiva u effiċjenti bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u dan iwassal għal kostijiet akbar u aktar sforz. Barra minn hekk, il-proliferazzjoni ta' soluzzjonijiet differenti tista' involontarjament tirriżulta f'ostakoli elettroniċi ġodda jew aġar, u b'hekk timpedixxi l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u l-moviment liberu, jiġifieri l-oppost tal-għan ta' modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

B'mod simili, l-istabbiliment u l-operat ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà ġodda ma jkomplix jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' skambju effiċjenti u effettiv ta' dejta bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. Mingħajr programm ġdid jittieħdu ħafna inqas inizjattivi tal-UE għall-appoġġ tal-interoperabbiltà, li hija prekondizzjoni għat-twettiq tas-servizzi diġitali onlajn transfruntiera jew transsettorjali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

Bit-tneġġija ta' dan il-programm, l-UE se tagħmel kontribut importanti għall-iżgurar ta' interazzjoni bla xkiel bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għall-benefiċċju dirett tal-Istati Membri, in-negozji u ċ-ċittadini.

Il-programm se jżid valur ekonomiku billi jappoġġa l-funzjonament tajjeb tas-suq intern permezz ta' soluzzjonijiet li se jiżguraw:

- (a) ħinijiet ta' rispons iqsar fl-interazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi maċ-ċittadini u n-negozji;
- (b) l-identifikazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet eżistenti biex iservu ħtiġijiet simili tan-negozju; u

(c) l-awtomatizzjoni tat-tranżazzjonijiet transfruntiera u transsettorjali, biex b'hekk jiġu ffrankati r-riżorsi u l-ħin.

Il-valur soċjali jiżdied minħabba li l-attivitajiet tal-programm eventwalment jibbenefikaw liċ-ċittadini u lin-negozji bħala utenti tas-servizzi pubbliċi elettroniċi transfruntiera u transsettorjali li jużaw it-tali soluzzjonijiet komuni u kondiviżi.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

3.1 Sommarju tal-leġiżlazzjoni proposta

Dan il-programm jiġi wara l-Programm ISA u se jikkonsolida, jippromwovi u jespandi l-attivitajiet tiegħu.

B'mod partikolari, il-programm il-ġdid se:

- jgħin biex jiġu identifikati, jinħolqu u jiġu operati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, li mbagħad jiġu pprovduti għal użu illimitat lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni, u lil amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali bejniethom;
- jiżviluppa soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà b'mod awtonomu jew jikkumplimenta u jappoġġa inizzjattivi oħra tal-Unjoni billi jittestja soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà bħala "inkubatur tas-soluzzjonijiet" jew jiżgura s-sostenibbiltà tagħhom bħala "pont għas-soluzzjonijiet"; u
- jivvaluta l-implikazzjonijiet tal-ICT tal-leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti u proposta.

3.2 Bażi ġuridika

Skont l-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sabiex tgħin biex jinkisbu l-għanijiet msemmijin fl-Artikoli 26 u 174 tat-TFUE u sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, l-operaturi ekonomiċi u l-komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jiksbu benefiċċju sħiħ mill-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej permezz ta' azzjonijiet għall-promozzjoni tal-interkonnnettività u l-interoperabbiltà tan-netwerks nazzjonali, kif ukoll l-aċċess għalihom.

Skont l-Artikolu 172 tat-TFUE (li qabel kien l-Artikolu 156 tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea), "il-linji gwida u l-miżuri l-oħra previsti fl-Artikolu 171(1) għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni. Il-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru partikolari għandhom ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Istat Membru interessat."

3.3 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE.

L-għanijiet tal-proposti ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri li jaġixxu b'mod indipendenti, minħabba li dan ma jipproduċix l-effetti ta' interoperabbiltà meħtieġa għas-servizzi pubbliċi elettroniċi transfruntiera jew transsettorjali u ma jistabbilixxix soluzzjonijiet komuni u kondiviżi b'appoġġ tal-interazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

L-azzjoni tal-UE se tikseb l-għanijiet tal-proposta b'mod aktar effettiv, minħabba li l-programm se jistabbilixxi u jopera soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-appoġġ tal-interazzjoni bla xkiel bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi bejn il-fruntieri jew is-setturi, u

b'hekk jiġi permess it-twettiq tas-servizzi pubbliċi elettroniċi b'appoġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-UE.

Għalhekk, il-programm għandu dimensjoni tal-UE inerenti ċara. Għalhekk il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.4 Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-programm se jappoġġa l-provvista ta' soluzzjonijiet komuni u kondiviżi, jiġifieri oqfsa komuni, għodod ġeneriċi u servizzi komuni, li għandhom jiġu applikati, kif xieraq, mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għall-iskambju ta' informazzjoni fil-fruntieri jew is-setturi kollha. Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet oħrajn, l-applikazzjoni ta' dawn is-soluzzjonijiet hija soġġetta għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri.

L-istabbiliment u t-titjib ta' oqfsa komuni u għodod ġeneriċi se jiġu ffinanzjati permezz tal-programm, filwaqt li l-użu tat-tali oqfsa u għodod se jiġi ffinanzjat mill-utenti fil-livell amministrattiv ikkonċernat. Il-programm se jiffinanzja l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni (jiġifieri t-twassil sa stat ta' maturità operazzjonali) u t-titjib tas-servizzi komuni, iżda se jiffinanzja l-operat reali tagħhom biss meta dan jista' jservi l-interessi tal-UE. F'każijiet oħrajn, l-użu tas-servizzi, inkluż l-operat tagħhom fuq bażi deċentralizzata, se jiġi ffinanzjat mill-utenti.

Is-soluzzjonijiet stabbiliti mill-programm se jnaqqsu l-piż finanzjarju u amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej meta jinteraġixxu ma' xulxin. Għalhekk, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

3.5 L-għażla tal-istrumenti

Bħal fil-Programm ISA preċedenti, l-att ġuridiku propost huwa deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, minħabba li f'dan il-każ partikolari, deċiżjoni hija l-aktar mezz xieraq għall-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm ISA² il-ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2020 huwa EUR 130 928 000. Il-pakkett propost huwa konsistenti mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2014-2020.

Aktar dettalji huma pprovduti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jiġi estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Pajjiżi kandidati

L-att propost huwa miftuħ għall-parteċipazzjoni mill-pajjiżi kandidati.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA²)

L-interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) F'serje ta' Dikjarazzjonijiet Ministerjali (f'Manchester fl-24 ta' Novembru 2005, Lisbona fid-19 ta' Settembru 2007, Malmö fit-18 ta' Novembru 2009 u Granada fid-19 ta' April 2010), il-ministri stiednu lill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi jiġu implimentati soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali li jippermettu servizzi pubbliċi aktar effiċjenti u sikuri. Barra minn hekk, l-Istati Membri rrikonoxxew li jridu jitwettqu servizzi pubbliċi aħjar b'inqas riżorsi, u li l-potenzjal tal-Gvern elettroniku jista' jissaħħaħ bil-promozzjoni ta' kultura ta' kollaborazzjoni u bit-titjib tal-kundizzjonijiet għall-interoperabbiltà fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Mejju 2010 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar *Aġenda Diġitali għall-Ewropa*³ (DAE), waħda mill-inizjattivi emblematiċi tal-Istrateġija Ewropa 2020 tagħha⁴, il-Kummissjoni enfasizzat li l-interoperabbiltà hija essenzjali biex jiġi massimizzat il-potenzjal soċjali u ekonomiku tal-ICT u li, konsegwentement, l-Aġenda Diġitali tista' tibda biss jekk tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

¹ ĠU C , , p.

² ĠU C , , p .

³ COM(2010) 245.

⁴ COM(2010) 2020.

- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-16 ta' Diċembru 2010 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej*⁵, il-Kummissjoni introduċiet l-Istrateġija Ewropea dwar l-Interoperabbiltà (EIS) u l-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà (EIF).
- (4) Fil-livell tal-Unjoni, l-interoperabbiltà tiffaċilita l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki. Il-politiki li ġejjin b'mod partikolari jiddependu fuq l-interoperabbiltà għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tagħhom:
- (5) Fil-qasam tas-suq intern, id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ tirrikjedi li l-Istati Membri joffru lill-fornituri ta' servizzi l-possibbiltà li jimlew b'mod elettroniku u bejn il-fruntieri l-proċeduri u l-formalitajiet kollha meħtieġa biex jipprovdu servizz barra mill-pajjiż tagħhom.
- (6) Fil-qasam tad-dritt soċjetarju, id-Direttiva 2012/17/UE⁷ tirrikjedi l-interoperabbiltà tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji tal-Istati Membri permezz ta' pjattaforma ċentrali. L-interkonnessjoni tar-reġistri tal-kumpaniji se tiżgura l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni bejn ir-reġistri u se tiffaċilita l-aċċess fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u n-negozji għad-dejta dwar il-kumpaniji, u b'hekk titjeb iċ-ċertezza tad-dritt fl-ambjent tan-negozju fl-Ewropa.
- (7) Fil-qasam tal-ambjent, id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ tirrikjedi l-adozzjoni ta' regoli ta' implimentazzjoni komuni li jstabbilixxu arranġamenti ta' interoperabbiltà teknika. B'mod partikolari, dik id-Direttiva tirrikjedi li l-infrastrutturi nazzjonali jiġu adattati sabiex jiżguraw li d-dejta u s-servizzi spazjali jkunu interoperabbli u aċċessibbli bejn il-fruntieri tal-Unjoni.
- (8) Fil-qasam tal-affarijiet interni u l-ġustizzja, l-interoperabbiltà msaħħa fil-bażijiet ta' dejta Ewropej hija l-bażi tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)⁹, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II)¹⁰, is-Sistema Ewropea tad-Dattiloskopija (Eurodac)¹¹ u l-portal tal-Ġustizzja elettronika¹². Barra minn hekk, fl-24 ta' Settembru 2012, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jitolbu l-introduzzjoni tal-Identifikatur Ewropew tal-Leġiżlazzjoni (European Legislation Identifier - ELI) u li enfasizza l-ħtieġa għat-tfittix u l-iskambju interoperabbli tal-informazzjoni ġuridika

⁵ COM(2010) 744.

⁶ Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern. ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

⁷ Id-Direttiva 2012/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE u d-Direttivi 2005/56/KE u 2009/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interkonnessjoni tar-reġistri ċentrali, kummerċjali u tal-kumpaniji.

⁸ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infomazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE). ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infomazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS). ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60–81.

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II). ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4–23.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin. ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1–10.

¹² <https://e-justice.europa.eu>

ppubblikata f'ġurnali uffiċjali nazzjonali u f'gazzetti ġuridiċi, permezz tal-użu ta' identifikaturi uniċi u metadejta strutturata.

- (9) L-interoperabbiltà kienet fattur ewlieni għas-suċċess fil-qasam tad-Dwana, it-Tassazzjoni u d-Dazji tas-Sisa: bl-operat tas-sistemi tal-ICT trans-Ewropej li jilħqu l-Istati Membri kollha u jappoġġaw is-servizzi tan-negozju interoperabbli ffinanzjati mill-programmi Fiscalis 2013 u Dwana 2013, implimentati u operati mill-Kummissjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. L-assi maħluqa taħt il-programmi Fiscalis 2013 u Dwana 2013 huma disponibbli għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid minn oqsma ta' politika oħrajn.
- (10) Fil-qasam tas-saħħa, id-Direttiva 2011/24/UE¹³ tippredvi regoli biex jiffaċilitaw l-aċċess għal kura tas-saħħa transfruntiera sikura u ta' kwalità għolja. B'mod speċifiku, id-Direttiva stabbilixxiet in-Netwerk tas-Saħħa elettronika biex tindirizza l-isfida tal-interoperabbiltà bejn is-sistemi eletroniċi tas-saħħa. In-Netwerk jista' jadotta linji gwida dwar il-ġabra minima ta' dejta li għandha tiġi skambjata bejn il-fruntieri fil-każ ta' kura mhux ippjanata u b'emerġenza u dwar is-servizzi tal-Preskrizzjoni elettronika bejn il-fruntieri nazzjonali.
- (11) Fil-qasam tal-fondi Ewropej, l-Artikolu 122 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ jirrikjedi li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi intermedji jitwettqu permezz ta' sistemi eletroniċi għall-iskambju tad-dejta. Dawn is-sistemi għandhom jiffaċilitaw l-interoperabbiltà mal-oqfsa nazzjonali u tal-Unjoni u jippermettu lill-benefiċjarji jressqu l-informazzjoni meħtieġa darba biss.
- (12) Fil-qasam tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ tenfasizza li l-korpi tas-settur pubbliku, meta jkun possibbli u xieraq, għandhom jagħmlu d-dokumenti disponibbli f'formati miftuħa u li jinqraw elettronikament flimkien mal-metadejta tagħhom, fl-aqwa livell ta' preċiżjoni u granularità, f'format li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà.
- (13) Fil-qasam tal-identità elettronika, il-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2012 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet eletroniċi fis-suq intern¹⁶ tenfasizza li jeħtieġ li l-Unjoni toħloq qafas ta' abilitazzjoni biex jindirizza l-interoperabbiltà transfruntiera u jtejjeb il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sorveljanza nazzjonali għall-identifikazzjoni elettronika u l-awtentikazzjoni elettronika aċċettati fl-Unjoni kollha.

¹³ Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali. ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45-65.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

¹⁵ Id-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.

¹⁶ COM(2012) 238. ĠU C [...], [...], p. [...]

- (14) Fil-qasam tal-istandardizzazzjoni tal-ICR, ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷ jirreferi għall-interoperabbiltà bħala eżitu essenzjali tal-istandardizzazzjoni.
- (15) Fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont 2020¹⁸ isemmi b'mod ċar li s-soluzzjonijiet interoperabbli u l-istandards fl-ICT huma fatturi determinanti għas-sħubija tal-industrija fil-livell tal-Unjoni. Il-kollaborazzjoni madwar pjattaformi komuni b'teknoloġija miftuħa b'effetti konsegwenzjali u ta' ingranaġġ se tippermetti li firxa wiesgħa ta' partijiet interessati jibbenefikaw minn żviluppi ġodda u joħolqu aktar innovazzjonijiet.
- (16) Fil-qasam tal-akkwist pubbliku, id-Direttivi 2014/25/UE¹⁹, 2014/24/UE²⁰ u 2014/23/UE²¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2014 jirrikjedu li l-Istati Membri jimplimentaw l-akkwist elettroniku. Huma jiddikjaraw li l-għodod u l-apparat li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, iridu jkunu interoperabbli mal-prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fużu ġenerali. Barra minn hekk, id-Direttiva 2014/55/UE²² dwar il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku adottata mill-Parlament fil-11 ta' Marzu 2014 tikkonċerna l-iżvilupp ta' standard Ewropew għall-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-fatturar elettroniku fl-UE kollha.
- (17) L-interoperabbiltà hija wkoll element fundamentali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³ fil-qasam tal-infrastruttura u s-servizzi tal-broadband. Ir-Regolament 2014/283/UE²⁴ dwar il-linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni jsemmi b'mod espliċitu li prijorità operazzjonali sabiex is-CEF tikseb l-għanijiet tagħha hija l-interoperabbiltà, il-konnettività, il-mobilizzazzjoni sostenibbli, l-operat u t-titjib tal-infrastrutturi tas-servizzi diġitali trans-Ewropej kif ukoll il-koordinazzjoni tagħhom fil-livell tal-Unjoni.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.

¹⁹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE. ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243

²⁰ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE. ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65-242.

²¹ Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni. ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1-64

²² Id-Direttiva 2014/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-fatturazzjoni elettronika fl-akkwist pubbliku. ĠU L 133, 6.5.2014, p. 1.

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010. ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129.

²⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar linji gwida għal netwerks trans-Ewropej fil-qasam tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE. ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14.

- (18) Fil-livell politiku, il-Kunsill talab ripetutament għal interoperabbiltà ħafna akbar fl-Ewropa u għal sforzi kontinwi għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. B'mod partikolari, fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom enfasizza li l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi għandha titkompla permezz tal-implimentazzjoni rapida tas-servizzi, bħal pereżempju l-gvern elettroniku, is-saħħa elettronika, il-fatturar elettroniku u l-akkwist elettroniku li jiddependu fuq l-interoperabbiltà.
- (19) Perspettiva ta' interoperabbiltà f'settur uniku hija assoċjata mar-riskju li l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet differenti jew mhux kompatibbli fil-livelli nazzjonali jew settorjali twassal għal ostakoli elettroniċi ġodda li jimpedixxu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-moviment liberu assoċjat, u tnaqqas il-ftuħ u l-kompetittività tas-swieq u t-twettiq tas-servizzi ta' interess ġenerali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Sabiex inaqqsu dan ir-riskju, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom isaħħu l-isforzi konġunti sabiex jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq u jiżguraw l-interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li jnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet amministrattivi, u jippromwovu s-soluzzjonijiet ICT li jkun sar qbil komuni fuqhom, filwaqt li jiżguraw governanza xierqa.
- (20) Bosta programmi suċċessivi ppruvaw jiżguraw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni koerenti ta' strateġiji ta' interoperabbiltà globali u settorjali, oqfsa ġuridiċi, linji gwida, servizzi u għodod sabiex jindirizzaw ir-rekwiżiti skont il-politiki applikabli fl-Unjoni kollha, bħal pereżempju:
- Il-Programm IDA (1999-2004) stabbilit bid-Deċiżjoni 1719/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ u bid-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶,
 - il-Programm IDABC (2005-09) stabbilit bid-Deċiżjoni 2004/387/KE Gvern elettroniku²⁷; u
 - il-Programm ISA (2010-15) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸.
- (21) L-attivitajiet fil-programmi IDA, IDABC u ISA għamli kontributi importanti għall-iżgurar tal-interoperabbiltà fl-iskambju elettroniku ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Unjoni. Fir-Riolutzjoni tiegħu *dwar Suq uniku diġitali kompetittiv - il-Gvern elettroniku bħala xprun* (it-3 ta' April 2012)²⁹, il-Parlament Ewropew irrikonoxxa l-kontribut u r-rwol kumplessiv tal-Programm ISA fid-definizzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tas-soluzzjonijiet u l-

²⁵ Id-Deċiżjoni 1719/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar serje ta' linji gwida, inkluża l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, għal netwerks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA). ĠU L 203, 3.8.1999, p. 1.

²⁶ Id-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 li taddotta serje ta' azzjonijiet u miżuri biex tiżgura l-interoperabilità ta' u l-aċċess għan-netwerks trans-Ewropej għall-iskambju reċiproku elettroniku ta' tagħrif bejn l-amministrazzjonijiet (IDA). ĠU L 203, 3.8.1999, p. 9.

²⁷ Id-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini. ĠU L 144, 30.4.2004, p. 62 u ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25 (Rettifika).

²⁸ Id-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA). ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20.

²⁹ Dokument A7-0083/2012.

oqfsa tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, fil-ksib tas-sinerġiji, fil-promozzjoni tal-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet u fil-bidla tar-rekwiżiti ta' interoperabbiltà tagħhom f'speċifikazzjonijiet u standards għas-servizzi diġitali.

- (22) Minħabba li d-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tiegħa tapplika fil-31 ta' Diċembru 2015, huwa meħtieġ Programm tal-Unjoni ġdid dwar soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA²) sabiex jitraċċa u janalizza l-pajsaġġ tal-interoperabbiltà globali fl-Ewropa u jevita l-frammentazzjoni tiegħu. Il-Programm se jippermetti, jappoġġa u jippromwovi approċċ olistiku għall-ġbir, il-valutazzjoni, l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni, l-operat, it-titjib u ż-żamma tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, inklużi s-soluzzjonijiet li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid tad-dejta kif ukoll l-iskambju tagħha b'appoġġ għall-interazzjonijiet transfruntiera jew transsettorjali bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u mal-intrapriżi u ċ-ċittadini. Fl-aħħar nett, il-Programm se jippromwovi l-użu mill-ġdid, l-integrazzjoni u l-konverġenza ta' soluzzjonijiet eżistenti, inklużi dawk li ġejjin minn oqsma ta' politika tal-Unjoni oħrajn.
- (23) Is-soluzzjonijiet stabbiliti jew operati skont dan il-Programm ISA² għandhom, kemm jista' jkun, jiffurmaw parti minn ambjent konsistenti ta' servizzi li jiffaċilitaw l-interazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, l-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej, u jiżguraw, jiffaċilitaw u jippermettu l-interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali.
- (24) Iċ-ċittadini u l-intrapriżi għandhom ukoll jibbenefikaw minn servizzi tal-front-office komuni, li jistgħu jerġġhu jintużaw u interoperabbli li jirriżultaw minn integrazzjoni aħjar ta' proċessi u skambju ta' dejta permezz tal-back-offices tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.
- (25) Il-Programm ISA² għandu jkun strument għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku fl-Unjoni.
- (26) L-interoperabbiltà hija konnessa direttament mal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet komuni u dipendenti fuq l-użu tagħhom. Il-Programm ISA² għandu jippromwovi u, fejn xieraq, jappoġġa l-istandardizzazzjoni parzjali jew sħiħa tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti. Dan għandu jinkiseb f'kooperazzjoni ma' attivitajiet ta' standardizzazzjoni oħrajn fil-livell tal-Unjoni, ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni Ewropej u ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali oħrajn.
- (27) Il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija Ewropa 2020. F'dan il-kuntest, l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2011, l-2012 u l-2013 juri li l-kwalità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għandha impatt dirett fuq l-ambjent ekonomiku u għalhekk hija kruċjali għall-istimulazzjoni tal-produttività, il-kompetittività u t-tkabbir. Dan huwa rifless b'mod ċar fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż, li jitolbu azzjoni speċifika mmirata lejn ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.
- (28) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jinkludi għan tematiku għal "tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-partijiet interessati u amministrazzjoni pubblika effiċjenti". F'dan il-kuntest, il-Programm ISA² għandu jorbot ma' programmi u inizjattivi li jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, bħal pereżempju d-DAE, u networks relatati bħal pereżempju n-Netwerk Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EUPAN) u jfittex is-sinerġiji magħhom.

- (29) L-interoperabbiltà tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej tikkonċerna l-livelli kollha tal-amministrazzjoni: Ewropew, lokali, reġjonali u nazzjonali. Għalhekk huwa importanti li s-soluzzjonijiet iqisu l-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk taċ-ċittadini u l-intrapriżi fejn rilevanti.
- (30) L-amministrazzjonijiet nazzjonali jistgħu jiġu appoġġati fix-xogħol tagħhom permezz ta' strumenti speċifiċi taħt il-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (European Structural and Investment Funds - ESIF). Il-kooperazzjoni mill-qrib taħt il-Programm ISA² għandha timmassimizza l-benefiċċji mistennija minn dawn l-istrumenti billi tiżgura li l-proġetti ffinanzjati jkunu allinjati mal-oqfsa u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà madwar l-Unjoni kollha bħal pereżempju l-EIF.
- (31) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm ISA² li jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza, skont it-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013³⁰ bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (32) Għandha titqies il-possibbiltà li jintużaw il-fondi ta' qabel l-adeżjoni biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati fil-Programm ISA² u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ulterjuri f'dawk il-pajjiżi tas-soluzzjonijiet previsti fih.
- (33) Il-Programm ISA² għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' kull inizzjattiva ta' segwitu fil-kuntest tal-Ewropa 2020 u d-DAE. Sabiex jiġi evitat l-irduppjar tal-isforzi, għandu jkoll kull programm tal-Unjoni ieħor fil-qasam tas-soluzzjonijiet, is-servizzi u l-infrastrutturi tal-ICT, b'mod partikolari s-CEF stabbilit fir-Regolament 1316/2013/UE u l-Orizzont 2020 stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1291/2013.
- (34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹.
- (35) Il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli meta, f'każijiet ġustifikati kif dovut relatati mal-programm ta' ħidma stabbilit kontinwu, raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza jeħtieġu hekk.
- (36) L-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni huma li tiffaċilita l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u ċ-ċittadini u n-negozji, sabiex tippermetti t-twettiq tas-servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni. Billi dan ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri jekk dawn jaġixxu waħedhom minħabba li l-istabbiliment tal-funzjoni ta' koordinazzjoni fil-livell Ewropew ikun diffiċli u għali fil-livell tal-Istati Membri mill-Istati Membri nnifishom u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jista' jinkiseb aħjar fil-

³⁰ Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba. ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1-11

³¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.12.2011, p. 13).

livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu 1, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-għan

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għall-2016-20, programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm ISA²").
Il-Programm ISA² jiffaċilita l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali elettronika effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u ċ-ċittadini u n-negozji, sabiex jippermetti t-twetiq tas-servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni.
2. Permezz tal-Programm ISA², l-Unjoni tidentifika, toħloq u topera soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jimplimentaw il-politiki tal-Unjoni. Sussegwentement, dawn is-soluzzjonijiet jiġu pprovduti għal użu illimitat lil istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-Unjoni, u lil amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali bejniethom.
3. Il-Programm ISA² jiżviluppa soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà b'mod awtonomu jew jikkomplimenta u jappoġġa inizjattivi oħra tal-Unjoni billi jittestja soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà bħala inkubatur tas-soluzzjonijiet jew billi jiżgura s-sostenibbiltà tagħhom bħala pont għas-soluzzjonijiet.
4. Il-Programm ISA² jiġi wara l-programm tal-Unjoni dwar soluzzjonijiet interoperabbli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 922/2009/KE (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm ISA") u jikkonsolida, jipromwovi u jespandi l-attivitajiet tiegħu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "interoperabbiltà" tfisser il-kapaċità ta' organizzazzjonijiet disparati u diversi li jinteraġixxu lejn għanijiet ta' benefiċċju u miftiehma b'mod komuni, li jinvolvu l-qsim ta' informazzjoni u għarfien bejn l-organizzazzjonijiet permezz tal-proċessi tan-negozju li huma jappoġġaw, permezz tal-iskambju ta' dejta bejn is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) rispettivi tagħhom;
- (2) "soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà" tfisser oqfsa komuni, servizzi komuni u għodod ġeneriċi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet differenti u diversi, ifffinanzjati u żviluppati b'mod awtonomu mill-Programm ISA² jew żviluppati b'kooperazzjoni ma' inizjattivi tal-Unjoni oħrajn, fuq il-bażi tar-rekwiżiti identifikati tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej;
- (3) li taġixxi bħala "inkubatur tas-soluzzjonijiet" ifisser l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà jew l-appoġġ tagħhom matul il-fażi pilota tagħhom, qabel ma jsiru operazzjonali fi programmi jew inizjattivi tal-Unjoni oħrajn;

- (4) li taġixxi bħala "pont għas-soluzzjonijiet" ifisser l-iżvilupp ulterjuri tas-soluzzjonijiet interoperabbli li huma operazzjonali bis-siġħ jew l-appoġġ tagħhom qabel it-twettiq tagħhom f'programmi jew inizjattivi tal-Unjoni oħrajn;
- (5) "oqfsa komuni" tfisser speċifikazzjonijiet, standards, metodoloġiji, linji gwida, assi semantiċi komuni u approċċi u dokumenti simili;
- (6) "servizzi komuni" tfisser il-kapaċità organizzazzjonali u teknika li twassal eżitu komuni lill-utenti, inklużi s-sistemi operazzjonali, l-applikazzjonijiet u l-infrastrutturi diġitali ta' natura ġenerika li jissodisfaw rekwiżiti komuni tal-utent f'oqfsa politiċi jew żoni ġeografiċi, flimkien mal-governanza operazzjonali ta' appoġġ tagħhom;
- (7) "għodod ġeneriċi" tfisser sistemi, pjattaformi ta' referenza, pjattaformi kondiviżi u kollaborattivi, u komponenti ġeneriċi li jissodisfaw rekwiżiti komuni tal-utent f'oqfsa politiċi jew żoni ġeografiċi;
- (8) "azzjonijiet" tfisser proġetti, soluzzjonijiet li diġà huma fil-fażi operazzjonali tagħhom u miżuri ta' akkumpanjament;
- (9) "proġett" tfisser sekwenza limitata fiż-żmien ta' kompiti definiti sew li jindirizzaw ħtiġijiet identifikati tal-utent permezz ta' approċċ f'fażijiet;
- (10) "miżuri ta' akkumpanjament" tfisser:
 - miżuri strateġiċi u ta' sensibilizzazzjoni;
 - miżuri li jappoġġaw il-ġestjoni tal-Programm ISA²;
 - miżuri frabta mal-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni ta' prattika tajba;
 - miżuri għall-promozzjoni tal-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti;
 - miżuri li jimmiraw lejn il-bini tal-komunità u ż-żieda tal-kapaċità; u
 - miżuri li jimmiraw lejn l-istabbiliment ta' sinerġiji ma' inizjattivi rilevanti mal-interoperabbiltà f'oqfsa oħra tal-politika tal-Unjoni;
- (11) "Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà (European Interoperability Reference Architecture - EIRA)" tfisser arkitettura bi struttura ġenerika, li tinkludi serje ta' prinċipji u linji gwida li japplikaw għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Unjoni Ewropea;
- (12) "Kartografija Ewropea tal-Interoperabbiltà (European Interoperability Cartography - EIC)" tfisser repożitorju ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej ipprovdut mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri, ippreżentat f'format komuni u li jikkonforma mal-kriterji speċifiċi tal-użu mill-ġdid u l-interoperabbiltà li jistgħu jiġu rrappreżentati fuq l-EIRA.

Artikolu 3 Attivitajiet

Il-Programm ISA² għandu jappoġġa u jippromwovi:

- (a) il-valutazzjoni, it-titjib, l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni, l-operat u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali eżistenti;
- (b) l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-industrijalizzazzjoni, l-operat u l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali ġodda;

- (c) il-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-ICT tal-leġislazzjoni tal-Unjoni proposta jew adottata;
- (d) l-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-leġislazzjoni li jfixxlu l-interoperabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej;
- (e) l-istabbiliment, iż-żamma u t-titjib tal-EIRA;
- (f) l-istabbiliment u ż-żamma tal-EIC bħala strument biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti u biex jiġu identifikati l-oqsma fejn għad hemm nuqqas ta' tali soluzzjonijiet;
- (g) il-valutazzjoni, l-aġġornament u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni eżistenti u l-iżvilupp, l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' speċifikazzjonijiet u standards komuni ġodda permezz tal-pjattaformi ta' standardizzazzjoni tal-Unjoni u b'kooperazzjoni mal-organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropej jew internazzjonali kif xieraq; u
- (h) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi li jkejlu u jikkwantifikaw il-benefiċċji tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà.

Barra minn hekk, il-Programm ISA² jista' jaġixxi bħala "inkubatur tas-soluzzjonijiet" billi jittestja soluzzjonijiet interoperabbli ġodda, u bħala "pont għas-soluzzjonijiet" billi jopera soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti.

Artikolu 4 *Prinċipji ġenerali*

L-azzjonijiet varati jew li jitkomplew fil-Programm ISA²:

- (a) ikunu bbażati fuq l-utilità u mmexxija minn ħtiġijiet identifikati;
- (b) jikkonformaw mal-ġabra ta' prinċipji li ġejja:
 - is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
 - l-iffukar fuq l-utent;
 - l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà;
 - is-sigurtà u l-privatezza;
 - il-multilingwiżmu;
 - is-simplifikazzjoni amministrattiva;
 - it-trasparenza;
 - il-preservazzjoni tal-informazzjoni;
 - il-ftuħ;
 - l-użu mill-ġdid;
 - in-newtralità u l-adattabbiltà teknoloġika; u
 - l-effettività u l-effiċjenza;
- (c) ikunu estensibbli u applikabbli għal negozji jew oqsma politiċi oħrajn; u
- (d) juru sostenibbiltà finanzjarja, organizzazzjonali u teknika.

Artikolu 5

Azzjonijiet

1. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, timplimenta l-azzjonijiet speċifikati fil-programm kontinwu ta' ħidma stabbilit skont l-Artikolu 7, b'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6.
2. L-azzjonijiet fil-forma ta' proġetti, fejn xieraq, jikkonsistu fil-fażijiet li ġejjin:
 - inizjazzjoni;
 - ippjanar;
 - eżekuzzjoni;
 - għeluq; u
 - monitoraġġ u kontroll.Il-fażijiet ta' proġetti speċifiċi jiġu identifikati u speċifikati fiż-żmien meta l-azzjoni tiġi inkluża fil-programm kontinwu ta' ħidma.
3. L-implimentazzjoni tal-Programm ISA² tiġi appoġġata minn miżuri ta' akkumpanjament.

Artikolu 6

Ir-regoli ta' implimentazzjoni

1. Fl-implimentazzjoni tal-Programm ISA², jitqiesu kif dovut l-Istrateġija Ewropea dwar l-Interoperabbiltà, il-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà u l-aġġornamenti futuri tagħhom.
2. L-involviment tal-akbar għadd possibbli ta' Stati Membri f'proġett jitħeġġeġ. L-Istati Membri jkunu jistgħu jingħaqdu fi proġett fi kwalunkwe stadju u jitħeġġu jagħmlu dan.
3. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà jiġu speċifikati b'referenza għall-istandards Ewropej eżistenti u ġodda jew speċifikazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku jew miftuħa għall-iskambju tal-informazzjoni u l-integrazzjoni tas-servizzi.
4. L-istabbiliment jew it-titjib ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, fejn xieraq, jibnu jew jiġu akkumpanjati mill-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-iskambju u l-promozzjoni tal-prattika tajba. Il-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-prattika tajba bejn il-partijiet interessati kollha u l-konsultazzjonijiet pubbliċi rilevanti jitħeġġu.
5. Sabiex jiġi evitat l-irduppar u jitħaffef l-istabbiliment ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà, jitqiesu r-riżultati miksuba minn inizjattivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri rilevanti oħrajn fejn xieraq.
6. L-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-Programm ISA², fejn xieraq, tiġi ggwidata mill-EIRA.
7. Is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u l-aġġornamenti tagħhom jiġu inklużi fl-EIC u jiġu magħmula disponibbli, fejn xieraq, għall-użu mill-ġdid mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.
8. Il-Kummissjoni timmonitorja perjodikament l-implimentazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Unjoni kollha, bħala parti mill-programm kontinwu ta' ħidma stabbilit skont l-Artikolu 7.

9. Sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji u jiġu żgurati sforzi kumplimentari u kumbinati, l-azzjonijiet, fejn xieraq, jiġu kkoordinati ma' inizjattivi tal-Unjoni rilevanti oħrajn.
10. L-azzjonijiet u s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà kollha ffinanzjati fil-Programm ISA², fejn xieraq, jitħeġġu biex jużaw mill-ġdid is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà disponibbli.

Artikolu 7

Il-programm kontinwu ta' ħidma

1. Fil-bidu tal-Programm ISA², il-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu programm kontinwu ta' ħidma u temendah mill-inqas darba fis-sena, għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet għall-perjodu ta' applikazzjoni sħiħ ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).

Il-programm kontinwu ta' ħidma jidentifika, jipprijoritizza, jiddokumenta, jagħżel, jiddisinja, jimplementa u jevalwa l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5, kif ukoll jippromwovi r-riżultati tagħhom.
2. L-inklużjoni ta' azzjonijiet fil-programm kontinwu ta' ħidma tkun soġġetta għall-konformità ma' ġabra ta' regoli u mal-kriterji ta' ammissjoni qabel ma jiġu inklużi fil-programm kontinwu ta' ħidma. Dawk ir-regoli u l-kriterji u kull emenda tagħhom ikunu parti integrali tal-programm kontinwu ta' ħidma.
3. Proġett li oriġinarjament ġie varat u żviluppat fil-Programm ISA jew inizjattiva oħra tal-Unjoni jista' jiġi inklużi fil-programm kontinwu ta' ħidma fi kwalunkwe fażi tiegħu.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet baġitarji

1. Il-fondi jiġu rilaxxati kull meta proġett jew soluzzjoni fil-fażi operazzjonali tagħhom jiġu inklużi fil-programm kontinwu ta' ħidma jew wara t-tlestija b'suċċess ta' fażi tal-proġett kif definit fil-programm kontinwu ta' ħidma u kull emenda tiegħu.
2. L-emendi għall-programm kontinwu ta' ħidma li jikkonċernaw l-allokazzjonijiet baġitarji ta' aktar minn EUR 400 000 għal kull azzjoni jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).
3. L-azzjonijiet fil-Programm ISA² jistgħu jirrikjedu l-akkwist ta' servizzi esterni, li jiġi soġġett għar-regoli tal-UE dwar l-akkwist kif stabbilit fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Artikolu 9

L-azzjonijiet u s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li huma eliġibbli għall-finanzjament

1. L-iżvilupp, l-istabiliment u t-titjib ta' oqfsa komuni u għodod ġeneriċi jiġu ffinanzjati mill-Programm ISA². L-użu tat-tali oqfsa u għodod jiġi ffinanzjat mill-utenti.
2. L-iżvilupp, l-istabiliment, l-industrijalizzazzjoni u t-titjib ta' servizzi komuni jiġu ffinanzjati mill-Programm ISA². Operazzjoni ċentralizzata ta' dawn is-servizzi fil-livell tal-Unjoni tista' tiġi ffinanzjata wkoll mill-Programm, fil-każijiet fejn din l-operazzjoni titqies mill-Kummissjoni bħala waħda li sservi lill-interessi tal-Unjoni u

tkun ġustifikata kif dovut fil-programm kontinwu ta' ħidma. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-użu ta' dawk is-servizzi jiġi ffinanzjat b'mezzi oħrajn.

3. Is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà meħuda mill-Programm ISA² bħala "inkubatur tas-soluzzjonijiet" jew bħala "pont għas-soluzzjonijiet" jiġu ffinanzjati mill-Programm sakemm jittieħdu minn programmi jew inizjattivi oħrajn.
4. Il-miżuri ta' akkumpanjament jiġu ffinanzjati mill-Programm.

Artikolu 10

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni tiġi assistita mill-Kumitat dwar Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, Negozji u Ċittadini Ewropej (il-Kumitat ISA²) stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Minħabba raġunijiet ġustifikati importanti ħafna ta' urġenza, il-Kummissjoni tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Dawk l-atti jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx sitt xhur.

Artikolu 11

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni u l-Kumitat ISA² jimmonitorjaw b'mod regolari l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Programm ISA² u s-sodisfazzjoni tal-utenti bih. Huma jesploraw ukoll sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni kumplementari.
2. Il-Kummissjoni tirrapporta annwalment lill-Kumitat ISA² dwar l-implimentazzjoni tal-Programm.
3. Il-Programm ikun soġġett għal evalwazzjoni interim u evalwazzjoni finali u r-riżultati tagħhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2018 u l-31 ta' Diċembru 2021 rispettivament. F'dan il-kuntest, il-kumitat responsabbli tal-Parlament jista' jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni u twieġeb id-domandi mqajma mill-membri tiegħu.
4. L-evalwazzjonijiet jeżaminaw kwistjonijiet bħal pereżempju r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, l-utilità, is-sostenibbiltà u l-koerenza tal-azzjonijiet tal-Programm. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni finali teżamina l-punt sa fejn il-Programm laħaq l-għan tiegħu.
5. Il-prestazzjoni tal-Programm tiġi vvalutata bi tqabbil mal-għan stabbilit fl-Artikolu 1 u l-azzjonijiet tal-programm kontinwu ta' ħidma. L-għan jitkejjel b'mod partikolari permezz tal-għadd ta' fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà u permezz tal-għadd ta' strumenti ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi mwassla lill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u użati minnhom. L-indikaturi għall-kejl tar-riżultat u l-impatt tal-Programm jiġu definiti fil-programm kontinwu ta' ħidma.
6. L-evalwazzjonijiet jeżaminaw ukoll il-benefiċċji tal-azzjonijiet lill-Unjoni għall-avanz tal-politiki komuni, jidentifikaw l-oqsma għat-titjib potenzjali u jivverifikaw is-sinerġiji ma' inizjattivi tal-Unjoni oħrajn fil-qasam tal-interoperabbiltà

transfruntiera jew transsettorjali u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej.

7. L-azzjonijiet kompluti jew sospiżi jibqgħu soġġetti għall-evalwazzjoni globali tal-programm. Dawn jiġu mmonitorjati fir-rigward tal-pożizzjoni tagħhom fil-pajsaġġ kumplessiv tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fl-Ewropa u evalwati f'termini ta' adozzjoni mill-utent, l-użu u l-użu mill-ġdid.
8. L-evalwazzjoni tal-Programm ISA² tinkludi, fejn japplika, informazzjoni li tirrigwarda:
 - (a) il-benefiċċji kwantifikabbli li jagħtu s-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà billi jorbtu l-ICT mal-ħtiġijiet tal-utenti;
 - (b) l-impatt pożittiv kwantifikabbli tas-soluzzjonijiet interoperabbli bbażati fuq l-ICT.

Artikolu 12

Kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Programm ISA² ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni mill-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u l-pajjiżi kandidati fil-qafas tal-ftehimiet rispettivi tagħhom mal-Unjoni.
2. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali oħrajn titħeġġeġ, notevolment fil-qafas tas-Sħubiji Ewro-Mediterranji u tal-Lvant u mal-pajjiżi fil-viċinat, b'mod partikolari dawk tar-reġjuni tal-Balkani tal-Punent u tal-Baħar l-Iswed. Il-kost relatat ma għandux jiġi kopert mill-Programm ISA².
3. Fejn xieraq, il-Programm jipromwovi l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet tiegħu mill-pajjiżi terzi.

Artikolu 13

Inizjattivi mhux tal-Unjoni

Bla ħsara għall-politiki l-oħra tal-Unjoni, is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà stabbiliti u operati mill-Programm ISA² jistgħu jintużaw minn inizjattivi mhux tal-Unjoni, għal finijiet mhux kummerċjali, sakemm ma jkunx hemm kostijiet addizzjonali għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-għan ewlieni tal-Unjoni tas-soluzzjoni interoperabbli ma jiġix kompromess.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Unjoni f'din id-Deċiżjoni għall-perjodu tal-applikazzjoni tagħha jkun ta' EUR 130 928 000.
2. L-appropriazzjonijiet annwali jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.
3. L-allokazzjoni finanzjarja għall-Programm tista' wkoll tkopri l-ispejjeż għall-attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa fuq bażi regolari għall-ġestjoni tal-programm u l-kisba tal-għanijiet tiegħu.

Artikolu 15
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija tapplika mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma tal-politika/i kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (ISA²)

1.2. Qasam/oqsma tal-politika kkonċernata/i fl-istruttura ABM/ABB¹

Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni — Programm operazzjonali taħt it-Titolu 26: L-amministrazzjoni tal-Kummissjoni

Attività: 26 03 Servizzi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja²**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

L-għan ġenerali huwa li tiġi ffaċilitata l-interazzjoni transfruntiera jew transsettorjali elettronika, effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u bejn dawn, iċ-ċittadini u n-negozji, sabiex jitwasslu s-servizzi pubbliċi elettroniċi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tas-settur pubbliku.

L-għanijiet speċifiċi huma li:

- jitjiebu, jiġu operati u jintużaw mill-ġdid is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali eżistenti;

- jitjiebu, jiġu operati u jintużaw mill-ġdid is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà transfruntiera jew transsettorjali eżistenti;

- jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet tal-ICT tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni proposta jew adottata u jiġu identifikati l-oqsma li fihom il-leġiżlazzjoni ġdida tista' tippromwovi l-interoperabbiltà;

- tinħoloq Arkitettura Ewropea ta' Referenza għall-Interoperabbiltà (EIRA) biex tintuża bħala l-għodda għall-bini u l-valutazzjoni tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà;

¹ ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività – ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

² Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- jinħoloq strument biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà eżistenti u biex jiġu identifikati l-oqsma fejn għad hemm nuqqas ta' tali soluzzjonijiet;
- jiġu vvalutati u promossi l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards komuni eżistenti u jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet u standards komuni ġodda; u
- jiġi introdott mekkaniżmu li jkejjel u jikkwantifika l-benefiċċji tas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

L-għan speċifiku Nru 26

It-twertiq interoperabbli ta' servizzi tal-gvern elettroniku pan-Ewropej għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini

- L-investment f'amministrazzjonijiet pubbliċi moderni — soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà

Attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

Attività ABB 26.03: Servizzi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà aħjar għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u bejniethom u n-negozji/iċ-ċittadini se jtejjeb b'mod sinifikanti l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u joħloq opportunitajiet għal tnaqqis sinifikanti fil-kost.

Permezz tal-Programm ISA², DIGIT se jaħdem, flimkien ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u partijiet interessati oħra, fuq il-fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà, l-appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-iffaċilitar tat-twertiq tas-servizzi pubbliċi elettroniċi għall-użu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u l-appoġġ tagħhom.

Dan jappoġġa b'mod attiv il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej għall-benefiċċju tal-inizjattivi tal-Unjoni, l-Istati Membri, in-negozji u ċ-ċittadini.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Il-Kummissjoni identifikat għan ġenerali u ġabra ta' għanijiet speċifiċi (ara l-paragrafu 1.4.1).

Il-kisba ta' dawn l-għanijiet hija mistennija li tikkontribwixxi għall-indikaturi tal-eżitu li bihom il-"loġika ta' intervent" tal-Programm ikun jista' jitkejjel b'mod formali. L-indikaturi u r-riżultati mistennija ġew żviluppati fl-evalwazzjoni *ex-ante* u huma stabbiliti fid-dokument ta' akkumpanjament rilevanti.

L-għanijiet, l-eżiti u l-indikaturi speċifiċi jaqgħu taħt il-ħames kategoriji ewlenin li ġejjin li jirrappreżentaw il-linji ta' azzjoni fil-Programm:

- fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà;

- appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE;
- strumenti ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi;
- miżuri ta' akkumpanjament; u
- il-monitoraġġ tal-attivitajiet.

L-impatt baġitarju tal-Programm jinsab fit-Tabella 3.2.2. L-evalwazzjoni tal-Programm se teżamina kwistjonijiet bħal pereżempju r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, l-utilità, is-sostenibbiltà u l-koerenza tal-azzjonijiet u tivvaluta l-prestazzjoni bi tqabbil mal-għan tal-Programm u l-programm kontinwu ta' ħidma.

1.5. Bażi għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Il-Programm ISA², se jkollu jissodisfa l-ħtieġa li jinħolqu fatturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà, jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, jipprovdi strumenti ta' appoġġ lill-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej u jibni fuq oqfsa komuni eżistenti jew ġodda, servizzi komuni, u għodod ġeneriċi li jistgħu jerġġu jintużaw.

Dawn il-ħtiġijiet ġew identifikati permezz ta' skambji ta' opinjonijiet ma' dawk involuti f'oqsma oħrajn tal-politika tal-Unjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri, permezz tal-evalwazzjoni *ex-ante* u permezz tal-konsultazzjoni formali deskritta fil-memorandum ta' spjegazzjoni. Il-benefiċjarji ewlenin tal-attivitajiet fil-Programm se jkun l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej. In-negozji u ċ-ċittadini se jibbenefikaw b'mod indirett permezz tal-provvista ta' servizzi mill-amministrazzjonijiet pubbliċi.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-UE*

L-oqsma ta' attività kollha tal-Programm ISA² huma fir-responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-Programm se jintervjeni biss fil-każijiet ta' valur miżjud Ewropew li jista' jintwera, kif speċifikat fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

Il-kumitat ta' ġestjoni tal-Programm se jiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà mal-attivitajiet fil-livell tal-Istati Membri. Fil-livell tal-Unjoni, il-koordinazzjoni bejn is-servizzi se tiżgura li l-attivitajiet ikunu allinjati ma' dawk f'oqsma ta' politika oħrajn (pereżempju s-Semestru Ewropew, rapporti/rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż) u mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u l-pilastru II tal-Aġenda Diġitali dwar l-interoperabbiltà u l-istandards, bi ħsieb li jiġu mmassimizzati l-koerenza u s-sinerġiji. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u oqsma ta' politika oħrajn se jgħinu lill-Programm biex kontinwament jivvaluta l-ħtiġijiet reali, il-proporzjonalità tal-attivitajiet u r-rispett tas-sussidjarjetà.

Kif enfasizzat fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-Programm ISA² se jżid valur primarjament finanzjarju u ekonomiku lill-intervent tal-Unjoni u jikkontribwixxi għall-infurzar u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bil-kisba ta' sinerġiji konsiderevoli permezz tal-koordinazzjoni bejn il-fruntieri jew is-setturi.

1.5.3. *Lezzjonijiet li ttieħdu minn esperjenzi simili fil-passat*

Ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni interim tal-Programm ISA preċedenti jenfasizza l-konklużjonijiet fil-

maġġoranza pożittivi tal-evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha ġew indirizzati fil-Programm ISA² il-ġdid.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Kif iddikjarat fil-memorandum ta' spjegazzjoni, il-koerenza mas-CEF u l-komplementarjetà magħha hija żgurata u hija mistennija li twassal għal sinerġiji.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

✓ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ✓ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-1.1.2016 sal-31.12.2020

– Impatt finanzjarju minn [SSSS] sa [SSSS]

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwitu minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Management mode(s) planned³

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ✓ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– mill-aġenziji eżekuttivi;

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta permezz tad-delega ta' kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– pajjiżi terzi jew il-korpi li jkunu nnominaw;

– organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);

– il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

– korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– korpi tal-liġi pubblika;

– korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma inkarigati biex jimplimentaw sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji xierqa;

– persuni inkarigati biex jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-*Titolu V tat-TUE*, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aġti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Programm	ISA ²	se	jibda	fl-1 ta' Jannar 2016.
-------------	------------------	----	-------	-----------------------

³

Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet

Il-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-programm huwa ppjanat skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-proċeduri amministrattivi tal-Kummissjoni. Il-monitoraġġ se jinkludi rappurtar annwali lill-kumitat ta' ġestjoni dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati.

Il-Programm se jkun soġġett għal evalwazzjoni interim u evalwazzjoni finali u r-riżultati tagħhom se jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2018 u l-31 ta' Diċembru 2021 rispettivament. F'dan il-kuntest, il-kumitat responsabbli tal-Parlament jista' jstieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni u twieġeb id-domandi mqajma mill-membri tiegħu.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

Twettqet evalwazzjoni *ex-ante* sabiex takkumpanja l-proposta għad-Deċiżjoni. Kif dovut, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw minn din u mill-evalwazzjoni interim tal-Programm ISA ġew meqjusa. Ċerti riskji identifikati fir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati bir-reqqa fil-proposta.

Il-Programm ISA² se jiżviluppa u jappoġġa lill-Kartografija Ewropea tal-Interoperabbiltà (EIC) bħala strument għat-traċċar u l-analiżi tal-pajsaġġ tal-interoperabbiltà fl-Ewropa u għall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet li huma disponibbli u dawk li għad jonqos. Fuq dik il-bażi, se jkompli jappoġġa s-soluzzjonijiet eżistenti, joħloq soluzzjonijiet ġodda u jaġixxi bħala faċilitatur għas-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà li jirriżultaw minn inizjattivi oħrajn tal-Unjoni li jistgħu jsiru operazzjonali fil-mezzi tat-twettiq tas-servizzi diġitali tal-Unjoni. Għalhekk se jevita li jkun hemm irduppar tal-isforzi, isaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u s-servizzi tal-Kummissjoni, u jippromwovi b'mod attiv l-użu mill-ġdid ta' soluzzjonijiet eżistenti.

2.2.2. Informazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kontroll interna stabbilita

Il-metodi ta' kontroll eżistenti applikati mill-Kummissjoni se jkopru l-approprijazzjonijiet fil-Programm.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Huwa previst għadd kbir ta' mekkaniżmi ta' kontroll finanzjarji u amministrattivi. Il-Programm se jiġi implimentat permezz tal-akkwist pubbliku skont ir-regoli u l-proċeduri fir-Regolament Finanzjarju.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

2.3.1. Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti

Ir-regoli u l-proċeduri tal-akkwist pubbliku japplikaw tul il-proċess kollu; dawn jinkludu:

- l-istabbiliment tal-programm ta' ħidma, soġġett għall-opinjoni tal-kumitat ta' ġestjoni, bi tragwardi għar-rilaxx tal-finanzjament sabiex tiġi żgurata l-kontrollabbiltà tal-kisbiet u l-kostijiet;
- l-abbozzar xieraq tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti sabiex tiġi żgurata l-kontrollabbiltà tal-kisbiet tar-riżultati rikjesti u tal-kostijiet imġarrba;
- l-analiżi kwalitattiva u finanzjarja tal-offerti;
- l-involviment ta' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni matul il-proċess kollu;
- il-verifika tar-riżultati u l-eżami tal-fatturi qabel il-ħlas, f'bosta livelli; u
- awditjar intern.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Intestaturi baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-QFP u tal-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-QFP	Intestatura baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Intestatura]	Diff/Mhux Diff. ⁽¹⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ²	mill-pajjiżi kandidati ³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1A	26.01.04.01 Appoġġ għan-nefqa għas-soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej	Mhux diff.	IVA	IVA	LE	LE

- Intestaturi baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-QFP u tal-intestaturi baġitarji.

Intestatura tal-QFP	Intestatura baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Intestatura]	Diff/Mhux Diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1A	26.03.01.01 Soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej ⁴ (ISA ²)	Diff.	IVA	IVA	LE	LE
1A	26.03.01.51 It-tlestija tal-azzjonijiet iffinanzjati mis-Soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA)	Diff.	IVA	IVA	LE	LE

¹ Diff. = Appropriazzjonijiet Differenzjati / Mhux Diff. = Appropriazzjonijiet Mhux Differenzjati.

² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

⁴ Din il-partita baġitarja ġdida se tissostitwixxi l-intestatura baġitarja 26 03 01 01: Soluzzjonijiet tal-interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA). It-tlestija tal-azzjonijiet tal-ISA se tiġi koperta mill-partita 26 03 01 02: Tlestija

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-QFP	Numru	1A — Kompetittività għat- tkabbir u l-impjiegi
----------------------------	-------	---

DĠ: DIGIT			2016	2017	2018	2019	2020			TOTAL
• Approprijazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-intestatura baġitarja	Impenji	(1)	24.448	25.115	25.783	26.452	27.130			128.928
	Pagamenti	(2)	6.500	23.800	24.500	26.000	48.128			128.928
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹										
Numru tal-intestatura baġitarja		(3)	0.400	0.400	0.400	0.400	0.400			2.000
TOTAL tal-approprijazzjonijiet għad-DĠ DIGIT	Impenji	=1+1a +3	24.848	25.515	26.183	26.852	27.530			130.928
	Pagamenti	=2+2a +3	6.900	24.200	24.900	26.400	48.528			130.928

• TOTAL tal-approprijazzjonijiet	Impenji	(4)	24.848	25.515	26.183	26.852	27.530			130.928
----------------------------------	---------	-----	--------	--------	--------	--------	--------	--	--	----------------

¹ Għajjnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

operazzjonali	Pagamenti	(5)	6.900	24.200	24.900	26.400	48.528			130.928
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 1A tal-QFP	Impenji	=4+ 6	24.848	25.515	26.183	26.852	27.530			130.928
	Pagamenti	=5+ 6	6.900	24.200	24.900	26.400	48.528			130.928

Intestatura tal-QFP	5	Nefqa amministrattiva
----------------------------	----------	-----------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2016	2017	2018	2019	2020			TOTAL
DĠ: DIGIT									
• Riżorsi umani		2.416	2.416	2.416	2.416	2.416			12.080
• Nefqa amministrattiva oħra		0.120	0.120	0.120	0.120	0.120			0.600
TOTAL DĠ DIGIT	Approprjazzjonijiet	2.536	2.536	2.536	2.536	2.536			12.680

TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA 5 tal-QFP	(Impenji totali = Pagamenti totali)	2.536	2.536	2.536	2.536	2.536	2.536		12.680
--	-------------------------------------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--	---------------

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2016	2017	2018	2019	2020			TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-INTESTATURA minn 1 sa 5 tal-QFP	Impenji	27.384	28.051	28.719	29.388	30.066			143.608
	Pagamenti	9.436	26.736	27.436	28.936	51.064			143.608

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika għanijiet u riżultati ↓	Tip ¹	Il-kost medju	2016		2017		2018		2019		2020						TOTAL	
			RIŻULTATI															
			Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost
GĦAN SPECĪFIKU skont il-paragrafu 1.4.1 u 1.4.4																		
atturi determinanti ewlenin tal-interoperabbiltà				6.000		6.000		6.000		7.000		7.000						32.000
Appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni ta' UE				10.000		12.000		12.000		14.000		14.000						62.000
Strumenti ta' appoġġ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej				3.000		3.500		4.000		4.500		4.500						19.500
Miżuri ta' akkumpaniment				2.550		2.550		2.550		2.550		2.550						12.750
Attivitajiet ta' monitoraġġ				0.535		0.535		0.535		0.535		0.535						2.675
KOST TOTALI				22.094		24.594		25.094		28.594		28.594						128.925

¹ Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu fornuti (pereżempju: numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, numru ta' kilometri ta' toroq li nbnew, eċċ)

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt decimale)

	2016	2017	2018	2019	2020			TOTAL
--	------	------	------	------	------	--	--	-------

INTESTATURA 5 tal-QFP								
Riżorsi umani	2.416	2.416	2.416	2.416	2.416			12.080
Nefqiet amministrattivi oħrajn	0.120	0.120	0.120	0.120	0.120			0.600
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-QFP	2.536	2.536	2.536	2.536	2.536			12.680

Barra mill-INTESTATURA 5 tal-QFP¹								
Riżorsi umani								
Nefqiet oħrajn ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-QFP								

TOTAL	2.536	2.536	2.536	2.536	2.536			12.680
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--	---------------

L-approprjazzjonijiet tar-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

¹ Għajjnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu intestaturi "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	2016	2017	2018	2019	2020			Total
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) — AD	10	10	10	10	10			10
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) — AST	4	4	4	4	4			4
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) — AST/SC	2	2	2	2	2			2
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)								
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)								
10 01 05 01 (Riċerka diretta)								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)¹								
XX 01 02 01 (CA, SNE, INT mill-"pakkett globali") — SNE	3	3	3	3	3			3
XX 01 02 01 (CA, SNE, INT mill-"pakkett globali") — CA	1	1	1	1	1			1
XX 01 02 02 (CA, LA, SNE, INT u JED fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 04 yy ²	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- Delegazzjonijiet							
XX 01 05 02 (CA, SNE, INT — Riċerka indiretta)								
10 01 05 02 (CA, INT, SNE — Riċerka diretta)								
Intestaturi baġitarji oħrajn (speċifika)								
TOTAL	20	20	20	20	20			20

XX hija l-qasam ta' politika jew titolu baġitarju kkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-karigi ta' AD ikopru l-ġestjoni reali tal-Programm: it-tfassil tal-Programm ta' ħidma, il-ġestjoni tal-baġit, il-ġestjoni tas-sejnhiet pubbliċi għall-offerti assoċjati mal-eżekuzzjoni tal-Programm, il-ġestjoni tal-kuntratt assoċjati mal-eżekuzzjoni tal-Programm, is-segwitu tal-proġetti, il-kuntatti mas-servizzi tal-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri, l-organizzazzjoni tal-laqgħat mal-esperti, il-gruppi ta' ħidma u l-konferenzi. Il-kap tal-unità huwa inkluż ukoll.
---------------------------------	---

¹ CA= Perunsal Kuntrattwali; LA = Persunal Lokali; SNE= Espert Nazzjonali Ssekondat; INT = persunal mill-aġenziji; JED= Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet).

² Taħt il-limitu ta' persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu intestaturji "BA").

	<p>Il-karigi ta' AST u AST/SC jipprovdu appoġġ fl-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Kompiti ta' segretarjat, organizzazzjoni tal-missjonijiet (żewġ persuni); - Ġestjoni tal-baġit, sejħiet għall-offerti, kuntratti u ħlas tal-fatturi (żewġ persuni); - Tixrid tal-informazzjoni u komunikazzjoni (żewġ persuni); - Loġistika: organizzazzjoni tal-laqgħat u l-gruppi ta' ħidma, stedinet lill-esperti, rimbors tal-esperti, ġestjoni tad-dokumenti (persuna waħda).
Persunal estern	<p>Il-karigi END jappoġġaw il-ġestjoni reali tal-Programm, u jikkumplimentaw il-karigi AD l-aktar fl-oqsma relatati mal-koordinazzjoni mal-Istati Membri, is-segwitu tal-proġetti u l-organizzazzjoni tal-laqgħat mal-esperti, il-gruppi ta' ħidma u l-konferenzi.</p> <p>Il-persunal kuntrattwali se jipprovdi appoġġ iddedikat għal (a) l-attivitajiet ta' tixrid u ta' użu tal-Programm u (b) il-ġestjoni reali ta' azzjonijiet speċifikati l-aktar fl-oqsma li jinvolvu servizzi oħrajn tal-Kummissjoni.</p>

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti*

- ✓ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.

Il-proposta hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali eżistenti.

- Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega l-ipprogrammar mill-ġdid meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali¹.

Spjega l-hteġa, billi tispeċifika l-intestaturi baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- **Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi.**

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- ✓ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt decimale)

Intestatura baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjoni jiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	L-impatt tal-proposta/inizjattiva ²					Daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3		

Artikolu

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-intestatura/i baġitarja/i tan-nefqa affetwata/i.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

¹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali (għall-perjodu 2007-13).

² Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż tal-ġbir.